# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/160

**tal-4 ta' Frar 2022**

**li jistabbilixxi frekwenzi minimi uniformi ta' ċerti kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1082/2003 u (KE) Nru 1505/2006**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli ġenerali għall-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritā kompetenti għall-verifika tal-konformità mar-regoli f'għadd ta' oqsma, inkluża s-saħħa tal-annimali, fuq bażi ta' riskju u bi frekwenzi xierqa. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll metodi u tekniki għall-kontrolli uffiċjali, li jinkludu, fost l-oħrajn, spezzjonijiet ta' bini, annimali u oġġetti taħt il-kontroll tal-operaturi.

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' frekwenzi minimi uniformi ta' kontrolli uffiċjali li għandhom jiġu stabbiliti, fejn dawn ikunu meħtieġa biex jirrispondu għal perikli u riskji speċifiċi għas-saħħa tal-annimali u biex jivverifikaw il-konformità mal-miżuri ta' prevenzjoni u l-kontroll tal-mard.

(3) Qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għadd ta' atti legali dwar is-saħħa tal-annimali stabbilixxew regoli għall-frekwenzi minimi għall-kontrolli uffiċjali, b'mod partikolari l-ispezzjonijiet. Ir-Regolament (UE) 2016/429 iħassar dawk l-atti legali b'effett mill-21 ta' April 2021.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni, fost l-oħrajn, tal-imfaqas u l-istabbilimenti li jżommu t-tjur, l-istabbilimenti għall-operazzjonijiet ta' ġbir f'daqqa għall-ungulati u t-tjur, iċ-ċentri ta' ġbir f'daqqa ta' klieb, qtates u inmsa, is-santwarji tal-annimali għall-klieb, qtates u inmsa, il-postijiet ta' kontroll, l-istabbilimenti tal-produzzjoni tan-naħal bagħli iżolati ambjentalment, l-istabbilimenti ta' kwarantina u l-istabbilimenti konfinati għall-annimali terrestri.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115).

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 ([4]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti ta' prodotti ġerminali għall-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini li minnhom il-prodotti ġerminali ta' dawk l-annimali jistgħu jinġarru lejn Stat Membru ieħor.

(6) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 ([5]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura u gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali akkwatiċi li huma ta' riskju sinifikanti għas-saħħa tal-annimali.

(7) Huwa importanti li l-awtorità kompetenti tivverifika permezz ta' kontrolli uffiċjali regolari, b'mod partikolari permezz ta' spezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(b) tar-Regolament (UE) 2017/625, li l-annimali u l-prodotti ġerminali jibqgħu jinżammu u jiġu prodotti taħt kundizzjonijiet uniformi ta' approvazzjoni għall-istabbilimenti, li huma maħsuba biex itaffu r-riskji u l-perikli assoċjati mal-mard elenkat fir-Regolament (UE) 2016/429 u ma' mard emerġenti. Bħala rispons għal dawk il-perikli u r-riskji uniformi għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali kkawżati minn dak il-mard, f'dan ir-Regolament jenħtieġ jiġu stabbiliti frekwenzi minimi uniformi għall-ispezzjonijiet f'ċerti stabbilimenti approvati.

(8) Għall-istabbilimenti tal-prodotti ġerminali approvati, kwalunkwe frekwenza minima uniformi għall-ispezzjonijiet jenħtieġ tqis in-natura mhux staġjonali tal-ġbir tas-semen tal-annimali bovini u porċini.

(9) Jenħtieġ li kwalunkwe frekwenza minima uniformi għall-ispezzjonijiet f'ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura approvati u fi gruppi approvati ta' stabbilimenti tal-akkwakultura tqis il-klassifikazzjoni tar-riskju ta' dak l-istabbiliment jew ta' dak il-grupp ta' stabbilimenti f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([6]).

(10) Fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' ċerti annimali, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1082/2003 ([7]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1505/2006 ([8]) jistabbilixxu l-livell minimu ta' kontrolli jew verifiki li għandhom jitwettqu fi stabbilimenti li jżommu annimali bovini, ovini u kaprini kull sena kif ukoll l-għadd ta' annimali li għandhom jiġu spezzjonati f'kull wieħed minn dawk l-istabbilimenti.

(11) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jistabbilixxi wkoll rekwiżiti dettaljati għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħhom.

(12) L-annimali bovini, ovini jew kaprini li mhumiex identifikati jew irreġistrati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jista' jkollhom rwol fit-tixrid tal-mard elenkat fir-Regolament (UE) 2016/429 u fil-mard emerġenti. Biex jiġi mmitigat dak il-periklu u r-riskju uniformi għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, biex tiġi vverifikata b'mod regolari l-konformità tal-operaturi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament (UE) 2017/625, jenħtieġ li jiġu stabbiliti frekwenzi minimi uniformi għall-ispezzjonijiet matul it-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali bovini, ovini u kaprini.

---

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1082/2003 tat-23 ta' Ġunju 2003 li jniżżel regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fil-qafas tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 9).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1505/2006 tal-11 ta' Ottubru 2006 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tal-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u l-kaprini (ĠU L 280, 12.10.2006, p. 3).

(13) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 ma ħassarx b'mod espliċitu r-Regolamenti (KE) Nru 1082/2003 u (KE) Nru 1505/2006. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jħassar dawk ir-Regolamenti.

(14) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi frekwenzi minimi uniformi għall-kontrolli uffiċjali, b'mod partikolari, l-ispezzjonijiet tal-annimali u tal-prodotti ġerminali, u l-kundizzjonijiet li skonthom jinżammu jew jiġu prodotti fl-istabbilimenti li ġejjin:

(a) l-istabbilimenti approvati għall-annimali terrestri miżmuma u l-bajd għat-tifqis imsemmija fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(b) l-istabbilimenti tal-prodotti ġerminali approvati msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(c) ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura approvati skont l-Artikolu 176(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati skont l-Artikolu 177, ta' dak ir-Regolament;

(d) l-istabbilimenti rreġistrati għall-annimali terrestri miżmuma msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 li jżommu annimali bovini, ovini jew kaprini.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, fir-Regolament Delegat (UE) 2020/686, fir-Regolament Delegat (UE) 2020/688 ([9]) u fir-Regolament Delegat (UE) 2020/990 ([10]):

(a) "stabbiliment" kif iddefinit fl-Artikolu 4(27) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(b) "mafqas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(47) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(c) "operazzjoni ta' ġbir f'daqqa" kif iddefinit fl-Artikolu 4(49) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(d) "ċentru ta' ġbir f'daqqa ta' klieb, qtates u inmsa" kif iddefinit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(e) "santwarju tal-annimali" kif iddefinit fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(f) "postijiet tal-kontroll" kif iddefinit fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(g) "stabbiliment ta' produzzjoni iżolata ambjentalment" kif iddefinit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140).

([10]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/990 tat-28 ta' April 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi (ĠU L 221, 10.7.2020, p. 42).

(h) “stabbiliment ta’ kwarantina approvat” kif iddefinit fl-Artikolu 3(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688;

(i) “stabbiliment konfinat” kif iddefinit fl-Artikolu 4(48) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(j) “stabbiliment tal-prodotti ġerminali approvat” kif iddefinit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(k) “stabbiliment tal-akkwakultura approvat” kif iddefinit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/990;

(l) “grupp ta’ stabbilimenti tal-akkwakultura approvat” kif iddefinit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/990.

*Artikolu 3*

**Frekwenza minima uniformi ta’ spezzjonijiet f’ċerti stabbilimenti approvati**

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ([11]) għandhom iwettqu mill-inqas darba kull sena kalendarja, kontrolli uffiċjali, u b’mod partikolari jispezzjonaw annimali u bajd għat-tifqis u l-kundizzjonijiet li fihom dawk l-annimali u l-bajd għat-tifqis jinżammu jew jiġu prodotti fit-tipi ta’ stabbilimenti li ġejjin fit-territorju tagħhom, u li jkunu kisbu approvazzjoni mill-awtorità kompetenti:

(a) imfaqas u stabbilimenti li jżommu t-tjur;

(b) stabbilimenti għall-operazzjonijiet tal-ġbir f’daqqa għall-ungulati u t-tjur;

(c) ċentri tal-ġbir f’daqqa ta’ klieb, qtates u inmsa;

(d) santwarji tal-annimali għall-klieb, il-qtates u l-inmsa;

(e) postijiet ta’ kontroll;

(f) stabbilimenti tal-produzzjoni tan-naħal bagħli iżolata ambjentalment;

(g) stabbilimenti ta’ kwarantina approvati;

(h) stabbilimenti konfinati.

*Artikolu 4*

**Frekwenza minima uniformi ta’ spezzjonijiet fi stabbilimenti ta’ prodotti ġerminali approvati**

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali, u b’mod partikolari jispezzjonaw prodotti ġerminali, ħlief il-bajd għat-tifqis, u l-kundizzjonijiet li fihom dawk il-prodotti ġerminali jiġu prodotti kull sena kalendarja fit-tipi ta’ stabbilimenti li ġejjin fit-territorju tagħhom, u li jkunu kisbu approvazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti:

(a) mill-inqas darbtejn kull sena kalendarja: ċentri tal-ġbir tas-semen għall-annimali bovini u porċini;

(b) mill-inqas darba kull sena kalendarja:

   (i) ċentri tal-ġbir tas-semen għall-annimali ovini, kaprini u ekwini;

   (ii) timijiet tal-ġbir jew tal-produzzjoni ta’ embrijuni;

   (iii) stabbilimenti tal-ipproċessar tal-prodotti ġerminali;

   (iv) ċentri tal-ħżin tal-prodotti ġerminali.

([11]) F’konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq flimkien mal-Anness 2 ta’ dak il-Protokoll, għall-iskopijiet ta’ dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-“Istati Membri” jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq.

*Artikolu 5*

**Frekwenza minima uniformi ta' spezzjonijiet f'ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura approvati u f'ċerti gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati**

L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha twettaq kontrolli uffiċjali, u b'mod partikolari tispezzjona l-annimali tal-akkwakultura u l-kundizzjonijiet li fihom jinżammu dawk l-annimali jinżammu f'ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura approvati u gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati fit-territorju tiegħu. Dawk il-kontrolli uffiċjali għandhom iqisu l-klassifikazzjoni tar-riskju tal-istabbiliment tal-akkwakultura approvat jew tal-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvat, iddeterminati mill-awtorità kompetenti skont il-punt 1.2, tal-Parti 1, tal-Kapitolu 1, tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, jew il-klassifikazzjoni tar-riskju tal-istabbilimenti f'kompartimenti dipendenti msemmija fl-Artikolu 73(3)(b), ta' dak ir-Regolament, kif ġej:

(a) stabbilimenti b'riskju għoli għandhom jiġu spezzjonati mill-inqas darba kull sena kalendarja;

(b) stabbilimenti b'riskju medju għandhom jiġu spezzjonati mill-inqas darba kull sentejn kalendarji;

(c) stabbilimenti b'riskju baxx għandhom jiġu spezzjonati mill-inqas darba kull tliet snin kalendarji.

*Artikolu 6*

**Frekwenza minima uniformi ta' spezzjonijiet fl-istabbilimenti li jżommu annimali bovini, ovini u kaprini**

L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha twettaq kontrolli uffiċjali, u b'mod partikolari tispezzjona, l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini kull sena kalendarja f'mill-inqas 3 % tal-istabbilimenti fit-territorju tiegħu li jżommu dawk l-annimali.

*Artikolu 7*

**Tħassir**

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1082/2003 u (KE) Nru 1505/2006 huma mħassra.

2. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassrin għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

## Tabelli ta' korrelazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2)

1. Regolament (KE) Nru 1082/2003

| Regolament (KE) Nru 1082/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | - |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 6 |
| Artikolu 2(2) | - |
| Artikolu 2(3) | - |
| Artikolu 2(4) | - |
| Artikolu 2(5) | - |
| Artikolu 2(6) | - |
| Artikolu 3 | - |
| Artikolu 4 | - |
| Artikolu 5 | - |
| Anness I | - |

2. Regolament (KE) Nru 1505/2006

| Regolament (KE) Nru 1505/2006 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | - |
| Artikolu 2 | - |
| Artikolu 3 | - |
| Artikolu 4 | - |
| Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 6 |
| Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu | - |
| Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu | - |
| Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu | - |
| Artikolu 6 | - |
| Artikolu 7 | - |
| Anness | - |